AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL
17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

# Media Release

## Strateġija ta’ Saħħa u Sigurtà fl-Uffiċċju

26th June 2015

Strateġija ta’ saħħa u sigurtà fl-uffiċċji kienet it-tema ta’ seminar organizzat mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA-MT) flimkien ma’ l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (OSHA-EU). Fost it-temi diskussi kien hemm il-benessere fuq il-post tax-xogħol, riskji u perikli fl-uffiċċju u kif wieħed għandu jagħmel strateġija ta’ saħħa u sigurtà. Il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunità jużaw sistema innovattiva ta’ evalwazzjoni tar-riskju.

Iċ-Chairperson ta’ l-OHSA-MT, l-Onorevoli Dr Deo Debattista qal li meta nitkellmu dwar dan is-settur, ma nistgħux ma nsemmux l-istress fuq il-post tax-xogħol. “Statistka maħruġa mill-OSHA-EU turi li l-istress huwa t-tieni l-ikbar problema ta’ saħħa fuq il-post tax-xogħol irrappurtata fl-Ewropa. Mhux hekk biss iżda nofs il-ħaddiema li ġew intervistati saħqu li l-istress huwa komuni fix-xogħol taghħom. Tant hu hekk li bejn 50-60% tal-ġranet tax-xogħol mitlufa huma relatati ma’ stress fuq il-post tax-xogħol,” qal l-Onorevoli Debattista.

“Minn studju li għamlet l-Aġenzija Ewropea jirriżulta li l-aktar kawżi ta’ stress (72%) huma tibdil fil-mod kif isir ix-xogħol jew biżgħa li dak li jkun se jitlef postu. 66% qalu li l-istress tagħhom huwa riżultat ta’ sigħat twal jew workload kbira filwaqt li għal 59% dan kien

minħabba bullying jew li ngħataw fastidju fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, skond l-EUROSTAT, fuq perjodu ta' disa' snin, 28% tal-ħaddiema Ewropej irrapurtaw riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol," kompla jgħid iċ-Chairperson.

Dr Debattista saħaq li għalkemm din l-istatistika tista' tidher inkwetanti, dawn ir-riskji jistgħu jkunu skansati jew immaniġjati, ikun kemm ikun kbir jew żgħir il-post tax-xogħol.

L-Organizzazzjoni Dinjija dwar ix-Xogħol (l-ILO) issostni li ħafna drabi, minħabba economies of scale, in-negozji ż-żgħar ikollhom inqas ħin sabiex jipprovdu taħriġ u informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà. Tgħid ukoll li negozji żgħar għandhom tendenza li jkunu pjuttost reattivi minflok jadottaw strateġiji ta' prevenzjoni.

Dwar dan il-punt, l-OHSA-EU rat li tieħu passi proattivi sabiex tagħmilha aktar faċli li wieħed jagħmel evalwazzjoni tar-riskju. L-Oira fil-fatt hija għodda interattiva f'forma ta' app tal-internet mingħajr ħlas u tkopri numru ta' setturi. Bil-mod kif inhi magħmula tista' tgħin lin-negozji ż-żgħar u dawk li jħaddmu inqas minn 10 persuni sabiex jagħmlu evalwazzjoni tar-riskju mingħajr il-bżonn li jqabbdu esperti minn barra n-negozju.

Il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jaraw fil-prattika kif taħdem l-OiRA u jħaddmuha huma stess. L-Oira għal min jaħdem fl-uffiċċju ġiet tradotta għall-Malti u tinkludi wkoll il-liġijiet Maltin.

Waqt is-seminar ħadu sehem ukoll Ms Stelmart Khalil mill-ESP Unit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru li tkellmet dwar saħħa u benessere fuq il-post tax-xogħol, is-Sur Clint Cachia mill-OHSA-MT li spjega dwar strateġija, riskji u perikli fl-uffiċċju flimkien mas-Sur Silvio Farrugia mill-OHSA-MT ukoll li spjega kif taħdem l-OiRA.

L-Onorevoli Debattista kkonkluda billi qal li "s-suċċess ta' dan kollu jiddependi fuq is-sostenn u l-impenn ta' numru ta' *stakeholders* – mill-Gvern u l-imsieħba soċjali san-negozji. Huwa biss b'impenn minn kulħadd li nistgħu ntejbu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha – kemm jekk impjegati kif ukoll jekk jaħdmu għal rashom".

-tmiem-

**Kuntatt tal-Media:**
Romina Rieck Zahra
Senior Manager (Communications & PR)
Occupational Health and Safety Authority
email: romina.rieckzahra@gov.mt
tel: 21247677

**Informazzjoni Oħra:**
Occupational Health and Safety Authority
17
Triq Edgar Ferro
Pieta' PTA 1533
email: ohsa@gov.mt
fax: 21232909